MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 220/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Carlo Ellul)

**vs**
**Raymond Agius**
***Ta' 35 sena iben Carmelo u Emanuela nee' Ciantar imwieled il-Pieta' nhar l-14 ta' Gunju 1967 u joqghod f'numru 116 Triq is-Sirena l-Isla u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 0249467(M).***
**U**
**Philip Micallef**
***Ta' 54 sena, iben Nazareno u Mary nee' Saliba imwieled Balzan nhar il-15 t'Awwissu 1948 u joqghod f'numru 115, f 'St. Joseph', Triq il-Wied tal-Msida, Msida, detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 0710548(M)***

Illum 22 ta' Lulju 2004.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Raymond Agius u Philip Micallef talli :-
Fil-konfront ta' Raymond Agius:-

Talli fl-01 ta' Gunju 2001 ghall-habta tan-12.30pm, f'Santa Venera, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Philip Micallef u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
U
Fil-konfront ta' Philip Micallef :-
Talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Raymond Agius, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitol 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u aktar talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' April 1997 liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzati ma oggezzjonawx li kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat Agius ressaq lura l-kwerela tieghu u ghalhekk stante rinunzja tillibera lill-akkuzat Philip Micallef.
Rat li l-akkuzat Raymond Agius ammetta li ghamel ferita kkwalifikata bhala gravi minhabba z-zmien.

Issibu hati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni fuq il-piena.

Rat l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imsemmija Micallef u Agius illum saru hbieb u rrangaw l-affarijiet ta' bejniethom u hafru lil-xulxin, tiddeciedi li tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, stante

ukoll il-kondotta aktarx nadifa ta’ l-imsemmi Agius. Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah that il-provedimenti ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b’dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur minn illum. Il-Qorti qed tfisser l-import ta’ din is-sentenza lil-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------